**PARLAMENT TA’ MALTA**

**AĠENDA**

**L-ERBATAX IL-PARLAMENT**

SEDUTA NUMRU 37

It-Tlieta, 25 ta' Ottubru, 2022 fl-4:00 p.m.

**MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI**

*** 1453. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista’ l-Ministru jgħid jekk hux se jkun hemm xi tibdil fir-rotot tat-trasport pubbliku mill-Mellieħa/San Pawl il-Baħar sal-Isptar Mater Dei, peress li mhux qed jissodisfaw il-bżonnijiet tal-pubbliku ġenerali?

09/06/2022

*** 1454. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux isir bini mill-ġdid tat-triq jew xogħlijiet ta’ resurfacing fi Triq l-Imrejkba, Buġibba? Jekk iva, meta u f’liema perjodi ta' żmien mistennija jibdew ix-xogħlijiet?

09/06/2022

*** 1455. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jgħid jekk, u fil-każ meta, se jitneħħew il-binjiet perikolużi li jdawru r-radar fi Triq tad-Dahar, fl-Aħrax tal-Mellieħa?

09/06/2022

*** 1466. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 364 u jelenka l-ispejjeż tas-safar, mowbajls u fjuwil, miċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħtu mill-2017 sal-jum li fih tiġi mwieġba din l-interpellanza?

09/06/2022

***  1467.  L-ONOR. IVAN CASTILLO  staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 363 u jelenka l-ispejjeż tas-safar, mowbajls u fjuwil, miċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħtu mill-2017 sal-jum li fih tiġi mwieġba din l-interpellanza?

09/06/2022

***  1468.  L-ONOR. IVAN CASTILLO  staqsa lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 355 u jelenka l-ispejjeż tas-safar, mowbajls u fjuwil, miċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħtu mill-2017 sal-jum li fih tiġi mwieġba din l-interpellanza?

09/06/2022

***  1800.  L-ONOR. IVAN BARTOLO  staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid jekk jafx bl-inkonvenjent li ilhom ibatu minnu xi sena u nofs ħafna residenti Mostin - kemm ilu jsir ix-xogħol fi Triq il-Kbira - minħabba n-nuqqas ta’ servizz ta’ trasport pubbliku peress li tal-linja mhumiex jgħaddu minn Vjal l-Indipendenza? X’jista’ jsir dwar dan peress li residenti tal-Housing Estate, tan-naħa tal-Mitħna, tal-Blata l-Għolja u l-kumplament ta’ Triq il-Kbira qed ikollhom jimxu xi 20 minuta sal-pjazza jew sal-ewwel bus stop biex jirkbu? Jista’ jgħid jekk hux possibbli li sakemm jitlesta x-xogħol, tal-linja jibqgħu deħlin Vjal l-Indipendenza u jduru mal-kappella ta’ San Silvestru qabel jgħaddu minn Triq il-Kungress u b’hekk in-nies ikunu jistgħu jużaw il-bus stops Mlit u Mitħna u trakkijiet u coaches kbar iduru mal-kappella bla problemi?

20/06/2022

***  1801.  L-ONOR. IVAN BARTOLO  staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid għaliex in-nies tal-Mosta ilhom snin imwiegħda li se jitranġaw il-latrini pubbliċi u dan qatt ma seħħ? Meta se jibda x-xogħol fuqhom?

20/06/2022

***  1802.  L-ONOR. IVAN BARTOLO  staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista’ l-Ministru jgħid kemm-il liċenzja tal-escooters inħarġet s'issa? Hemm pjanijiet biex l-użu tal-helmet meta jiġi misjuq l-escooter isir mandatorju? Hemm xi pjanijiet biex isir xi tibdil fl-infrastruttura tat-toroq biex dan it tip ta’ trasport jiġi akkomodat u jkun jista’ jintuża b’mod iktar sikur?

20/06/2022

***  1803.  L-ONOR. IVAN BARTOLO  staqsa lill-**
Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli

Jista’ l-Ministru jgħid kemm daħlu nies ġodda mal-Awtorità tad-Djar, mill-2017 ’l hawn, sena b’sena, sal-ġurnata li qed tiġi mwieġba din id-domanda?

20/06/2022

*  1804.  **L-ONOR. IVAN BARTOLO** **staqsa lill-**
Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema fl-Awtorità tad-Djar, li daħlu mill-2017 sal-ġurnata li tiġi mwieġba din id-domanda, kemm minnhom ingħataw post ġdid jew post alternattiv?

20/06/2022

*  1929.  **L-ONOR. IVAN BARTOLO** **staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1477, jista' l-Ministru jikkonferma li l-medjatur, li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, bejn il-Gvern u l-Union of Cabin Crew tal-Air Malta fl-2017/2018 kien tħallas għall-medjazzjoni tiegħu u jistax jgħid jekk tali somma/ħlas kienx jeċċedi l-€100,000? Jista' jagħti ċ-ċifra eżatta ta' tali ħlas u d-data meta sar il-pagament?

22/06/2022

*  2329.  **L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** **staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jara jekk hux possibbli li Triq Vincenza Maculano fil-Fgura jkollha tindif iktar regolari tul il-ġimgħa?

05/09/2022

*  2330.  **L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** **staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jara jekk hux possibbli li Triq Mondion fil-Fgura jkollha tindif iktar regolari tul il-ġimgħa?

05/09/2022

*  2331.  **L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** **staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jara x'passi ttieħdu fir-rigward tal-problema ta' kwantità ta' bagħal taż-żunżan (hornets) ġewwa Triq Martin Luther King il-Fgura?

05/09/2022

*  2332.  **L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** **staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju ta' xogħol ta' kostruzzjoni wasal, Triq Mater Boni Consiglii l-Fgura? Jista' jgħid ukoll kemm huwa kalkulat li ser iddum iktar biex tiġi finalizzata u kemm ser tiġi tiswa?

05/09/2022

***** **2333.** **L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** **staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju ta' xogħol ta' kostruzzjoni wasal Triq Mater Boni Consiglii l-Fgura? Jista' jgħid ukoll kemm huwa kalkulat li ser iddum iktar biex tiġi finalizzata u kemm ser tiġi tiswa?

05/09/2022

***** **2334.** **L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** **staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu sabiex l-inkonvenjent għall-pubbliku fit-traffiku li ġie maħluq reċentement fil-parti ta' wara ta' Triq San Pietru, il-Fgura minħabba x-xogħol f'Triq Mater Boni Consiglii jiġi mtaffi u korrett?

05/09/2022

***** **2612.** **L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** **staqsiet lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

***** **2613.** **L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** **staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

***** **2614.** **L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

***** **2615.** **L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

Jista' l-Ministru jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

***** **2616.** **L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

*	**2617.**	**L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG**	**staqsiet lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista’ l-Ministru jgħid kemm impjega Advisors fil-Ministeru tiegħu u kemm hu t-total tan-nefqa?

30/09/2022

*	**2805.**	**L-ONOR. CHRIS SAID**	**staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista’ l-Ministru jgħid kemm saru rikorsi (kawżi) kostituzzjonali kontra l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) sena b’sena mill-2017 s’issa? Jista’, f’kull każ, jagħti l-okkju tal-każ u fejn il-każ ġie deċiż, meta ġie deċiż?

05/10/2022

*	**2811.**	**L-ONOR. CHRIS SAID**	**staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Animal Welfare Gozo jaqax taħt ir-responsabilità tal-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid min hu inkarigat minn din it-taqsima u xi grad għandha din il-persuna u ma’ liema Ministeru hija assenjata l-istess persuna? Jista' jgħid kif sar il-proċess tal-għażla ta' din il-persuna? Jista' jgħid meta saret is-sejħa pubblika għal din il-kariga? Jista' jgħid kemm ħaddiema hemm f'din it-taqsima u l-ħinijiet tax-xogħol ta' dawn il-ħaddiema? Jista' jgħid kemm minn dawn il-ħaddiema huma fil-grad ta' Animal Welfare Officer?

05/10/2022

*	**2812.**	**L-ONOR. CHRIS SAID**	**staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2169, jista’ l-Ministru jispjega kif id-dħul mit-taxxa fuq l-akkomodazzjoni kien ta' €1,005,161 bejn il-bidu tal-2016 sal-aħħar ta' Ġunju 2022, meta skont ċifri maħruġa mill-NSO in-numru ta' bed nights f'Għawdex sal-aħħar tas-sena 2021 kien ta' kważi 2.8 miljun (1.6 miljun foreign tourists u 1.17 miljun domestic tourists) u dan meta hemm nieqes f'dawn iċ-ċifri l-ewwel sitt xhur ta' din is-sena? Għaliex din id-diskrepanza?

05/10/2022

*	**2813.**	**L-ONOR. CHRIS SAID**	**staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

B'referenza għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 2174, jista’ l-Ministru jgħid min qed jaħdem fuq il-pjan ħolistiku għat-triq prinċipali li twasslek għal-lokalità tan-Nadur? Jista' jgħid fiex wasal dan il-pjan u meta hu mistenni li jkun lest? Jista' jgħid jekk intbagħatx perit biex jevalwa l-periklu li hemm fil-parti fejn hemm konsenturi kbar fil-ħitan ta' lqugħ tal-konkos?

05/10/2022

***	2839.	L-ONOR. CHRIS SAID	staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista’ l-Ministru jgħid min huma l-persuni kollha li jagħmlu parti mill-bordijiet u kumitati kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Jista’, għal kull kumitat u bord rispettiv, jagħti:
a. lista ta’ persuni (titlu, isem u kunjom);
b. l-irwol tagħhom fi ħdan il-bord jew kumitat;
ċ. l-esperjenzi ta’ kull wieħed u waħda minn dawn imsemmija fuq il-bord jew kumitat;
d. il-kompetenzi ta’ kull wieħed u waħda minn dawn l-individwi msemmija fuq bord jew kumitat fejn jidħol is-settur ikkonċernat;
e. jekk hux qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex offici*; u
f. ir-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

07/10/2022

***	2863.	L-ONOR. REBEKAH BORG	staqsiet lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista’ l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux intenzjoni li jara li l-età legali taż-żwieġ titla’ għal 18-il sena?

10/10/2022

***	2865.	L-ONOR. CHRIS SAID	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena (2022), xahar b'xahar, kemm-il pazjent daħal fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u l-kura tiegħu kellha f'xi ħin titkompla fl-Isptar Mater Dei jew f'xi sptar ieħor pubbliku f'Malta?

10/10/2022

***	2976.	L-ONOR. TONI BEZZINA	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

B' referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1253, jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb illi titwessa’ ftit Triq Ħal Far - li miż-Żurrieq tagħti għal Birżebbuġa – mill-Kappella ta’ Sant’Agata sal-fdalijiet tal-Bakkari, peress li f’partijiet minnha t-triq tant hi dejqa li ma jgħaddux żewġ karozzi maġenb xulxin, u dan peress illi din it-triq hija alternattiva għall-mini ta’ Ħal Kirkop?

11/10/2022

***	2977.	L-ONOR. TONI BEZZINA	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1252, jista’ l-Ministru jkun dirett fir-risposta tiegħu u jgħid meta se jitlesta għalkollox il-proġett tal-Kirkop Tunnels and Airport Intersection Project (KTAIP)?

11/10/2022

*	**2978.	L-ONOR. TONI BEZZINA	staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1250, jista' l-Ministru jgħid jekk xi parti mill-Peformance Guarantee li kienet tammonta għal €178,222.67 ġietx miżmuma mill-Gvern ħalli f'każ li jirriżultaw aktar difetti fix-xogħol li sar, hekk kif kien il-każ f'dawn l-aħħar xhur, il-kuntrattur ikun kostrett jagħmel ix-xogħlijiet ta' tiswija neċessarji mingħajr dewmien u a spejjeż tiegħu? Jekk fl-affermattiv, kemm hu l-ammont ta' flus miżmum mill-Gvern u għal liema tul ta' żmien?

11/10/2022

*	**2979.	L-ONOR. TONI BEZZINA	staqsa lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

B'referenza għal parti mid-diskors tal-Ministru Anton Refalo fid-dibattitu tal-Estimi Ġenerali 2021, partikolarment meta għamel referenza għall-pagamenti taħt Skema tal-Carbon Farming, jista' l-Ministru jgħid meta ġiet imnedija din l-iskema, xi kriterji ntużaw u kif ġew imqassma dawn il-pagamenti minn meta tnediet l-iskema sad-data tar-risposta?

11/10/2022

*	**2980.	L-ONOR. TONI BEZZINA	staqsa lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

B'referenza għal parti mid-diskors tal-Ministru Anton Refalo fid-dibattitu tal-Estimi Ġenerali 2021, partikolarment meta għamel referenza għall-pagamenti taħt skema mnedija f'Mejju 2021 li tagħti sussidju fuq majjal u tiġieġ għall-qatla, jista' l-Ministru jgħid xi kriterji ntużaw u kif ġew imqassma dawn il-pagamenti minn Mejju 2021 sad-data tar-risposta?

11/10/2022

*	**2981.	L-ONOR. TONI BEZZINA	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 122, 597 u 1117, peress li l-istudji b'rabta mal-proposta tal-Metro li swew lil pajjiżna €1,807,907.41 kienu ilhom lesti xhur, jekk mhux snin, qabel saret l-esibizzjoni msemmija, jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li għas-servizzi biex issir din l-esibizzjoni ma ħarġux tenders kompetittivi varji minflok direct orders? X'inhi r-raġuni li dawn id-direct orders ingħataw lil kumpanija waħda, meta tali servizzi varji setgħu faċilment ingħataw b'tenders varji li kienu jkunu ferm aktar cost effective u t-taxpayer kien ikollu aktar value for money għas-servizzi/prodotti li ngħataw?

11/10/2022

*	**3004.	L-ONOR. REBEKAH BORG	staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet biex jitjieb is-servizz tal-karozzi tal-linja għall-benefiċċju tar-residenti li jgħixu fil-limiti tar-Rabat (Malta), b'mod partikolari jekk hemmx ħsieb li r-rotta 109, li bħalissa tgħaddi minn postijiet bħall-Baħrija, l-Għemmieri, Tas-Salib u s-Saqqajja kull sagħtejn, tibda tgħaddi b'mod iżjed frekwenti, ngħidu aħna kull siegħa bħalma kienet tgħaddi sa ftit snin ilu? Hemm ħsieb li jiżdiedu aktar rotot li jgħaddu mil-limiti tar-Rabat?

11/10/2022

***　3015.　L-ONOR. REBEKAH BORG　staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2476 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 882, jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra dwar l-aħħar żviluppi fil-proġett pilota ta' autonomous buses u jagħti indikazzjoni taż-żmien meta l-proġett ikun jista' jibda?

11/10/2022

***　3016.　L-ONOR. REBEKAH BORG　staqsiet lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2483 u jgħid ma' min saret konsultazzjoni, inkluż NGOs, fuq il-proġett tat-trakka tal-karozzi f'Ħal Far?

11/10/2022

***　3044.　L-ONOR. REBEKAH BORG　staqsiet lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jispjega l-proċedura li biha jiġu evalwati pazjenti fid-djar tal-anzjani dwar il-kapaċità tagħhom li jivvotaw u jagħti rendikont xahar b'xahar ta' kemm-il pazjent ġew meqjusa li ma jistgħux jivvotaw fis-snin 2021 u 2022 (s'issa)?

13/10/2022

***　3045.　L-ONOR. REBEKAH BORG　staqsiet lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2477, jista' l-Ministru jgħid meta se tkun ippreżentata l-Liġi dwar l-Estetika għall-Ippjanar ta' Żvilupp Urban u jgħid jekk hux se jkun hemm perjodu ta' konsultazzjoni pubblika?

13/10/2022

***　3081.　L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA　staqsa lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ħidma li saret matul l-aħħar sena, inkluż kemm-il darba ltaqa', xahar b'xahar, in-National Cyber Security Strategy (NCSS) Steering Committee?

13/10/2022

***　3082.　L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA　staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ħidma li saret matul l-aħħar sena, inkluż kemm-il darba ltaqa', xahar b'xahar, ir-Residual Balances Fund Committee?

13/10/2022

* 3083. **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ħidma li saret matul l-aħħar sena, inkluż kemm-il darba ltaqa', xahar b'xahar, il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti?

13/10/2022

* 3084. **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ħidma li saret matul l-aħħar sena, inkluż kemm-il darba ltaqa', xahar b'xahar, il-Bord Konsultattiv dwar id-Disinji tal-Bolol?

13/10/2022

* 3085. **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ħidma li saret matul l-aħħar sena, inkluż kemm-il darba ltaqa', xahar b'xahar, il-Bord tal-Parole?

13/10/2022

* 3102. **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Peress li kien hemm ilmenti rigward qtugħ ta' dawl f'xi toroq fis-Siġġiewi, partikolarment f'partijiet minn Triq il-Kbira u Sqaq il-Qajjied, tista' l-Ministru tgħid x'qed isir dwar dan?

14/10/2022

* 3141. **L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tara jekk huwiex possibbli li jitħawlu siġar fiż-żona tat-tarf ta' Kordin u fiż-żona taċ-China Dock peress li min-naħa tal-Belt Valletta din iż-żona verament tidher kerha u mitluqa?

17/10/2022

* 3178. **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2915, tista' l-Ministru tgħid f'liema perjodu/perjodi kienet tiffunzjona n-Noise Control Commission? Tista' tgħid jekk kinux ingħataw pariri lill-Ministru kkonċernat dwar storbju ġġenerat minn stabbilimenti kummerċjali inkluż bars, ristoranti, hotels, postijiet ta' divertiment eċċ? Jekk iva, x'kienu l-pariri li ngħataw?

18/10/2022

***        3179.        L-ONOR. GRAZIELLA GALEA                staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jieħu l-passi neċessarji biex numru ta' bozoz fi Triq Parades, San Pawl il-Baħar, li sa meta qiegħda ssir din il-mistoqsija parlamentari jinsabu mitfijin, jerġgħu jibdew jixegħlu mill-aktar fis?

18/10/2022

***        3180.        L-ONOR. GRAZIELLA GALEA                staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar x'fondi għandha l-LESA miġbura u maħsuba biex jintużaw għal inizjattivi ta' sigurtà fil-lokalitajiet? Għal liema inizjattivi jistgħu jintużaw dawn il-fondi? Min hu intitolat li japplika għal dawn il-fondi? Kien hemm xi kunsilli lokali li applikaw? U jekk iva, kemm kien hemm kunsilli lokali li kellhom it-talba tagħhom aċċettata, kemm kunsilli kellhom it-talba li ma ġietx aċċettata u kemm-il kunsill lokali ma applikax? Liema kienu dawk il-kunsilli lokali li t-talba tagħhom ġiet aċċettata? Liema kienu dawk il-kunsilli lokali li t-talba tagħhom ma ġietx aċċettata? Liema kienu dawn il-kunsilli lokali li ma applikawx?

18/10/2022

***        3181.        L-ONOR. GRAZIELLA GALEA                staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Billi fi Triq l-Imħar, San Pawl il-Baħar sa meta qiegħda ssir din il-mistoqsija parlamentari kien hemm ħofra kbira li mtliet temporanjament bi żrar, eċċ u li teħtieġ attenzjoni sabiex isir ix-xogħol meħtieġ b'mod permanenti, jista' l-Ministru jieħu l-passi neċessarji biex ix-xogħol meħtieġ isir mill-aktar fis?

18/10/2022

***        3203.        L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI                staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx mekkaniżmu stabbilit mill-MATSEC, li permezz tiegħu t-30% mill-marka totali għall-eżamijiet tal-O'Level, li jinkisbu matul l-aħħar tliet snin tas-sekondarja u li se jibdew japplikaw mis-sena skolastika li jmiss (2023-2024), sabiex il-marki jkunu standardizzati bejn l-Iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u tal-Privat? Jekk hemm, min se jkun qiegħed jissorveljah?

19/10/2022

***        3204.        L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI                staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu t-taħdidiet bejn il-Gvern u l-MUT sabiex l-Uffiċjali Edukattivi jkunu jistgħu jagħmlu żjarat lill-għalliema li mhumiex NQTs jew NRTs biex jagħtuhom is-sapport?

19/10/2022

***        3205.        L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI                staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid meta se tibda l-iskema li fiha l-Gvern jagħti €500 għal tliet snin għal kull wild li jkompli jistudja wara l-età obbligatorja tal-edukazzjoni skont kif imwiegħed fil-manifest elettorali tal-Partit Laburista qabel l-elezzjoni tal-2022?

19/10/2022

***	3206.	L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista’ l-Ministru jgħid jekk il-water dispensers humiex jingħataw il-manutenzjoni meħtieġa u kull kemm qed isir dan? Jista’ jgħid jekk huwiex infurmat li hemm dispensers milli ġew installati fix-xhur li għaddew, u li mhumiex jaħdmu?

19/10/2022

***	3207.	L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' lezzjonijiet tal-PE li għandhom l-istudenti mil-livell ta' Kinder sas-6 sena kull ġimgħa għal din is-sena skolastika? Din l-informazzjoni jista' jagħtiha skont l-Iskejjel tal-Knisja u tal-Istat?

19/10/2022

***	3208.	L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid b'liema kriterji qed ikunu assessjati studenti barranin sabiex ikun stabbilit il-livell lingwistiku fil-Malti u fl-Ingliż qabel jiddaħħlu fil-mainstream classes jew le? Dan it-tip ta' assessjar qiegħed isir online jew le?

19/10/2022

***	3210.	L-ONOR. BERNICE BONELLO	staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista’ l-Ministru jagħti lista ta’ toroq li ser isiru ġewwa Ħaż-Żabbar fl-aħħar tliet xhur ta’ din is-sena (2022) u tul is-sena 2023? F’liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm ser idum sabiex jitlesta kull proġett? Jista’ jelenka liema toroq ser jingħata fihom wiċċ biss u liema ser issir rikostruzzjoni?

19/10/2022

***	3211.	L-ONOR. BERNICE BONELLO	staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista’ l-Ministru jagħti lista ta’ toroq li ser isiru ġewwa l-Kalkara fl-aħħar tliet xhur ta’ din is-sena (2022) u tul is-sena 2023? F’liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm ser idum sabiex jitlesta kull proġett? Jista’ jelenka liema toroq ser jingħata fihom wiċċ biss u liema ser issir rikostruzzjoni?

19/10/2022

***	3212.	L-ONOR. BERNICE BONELLO	staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista’ l-Ministru jagħti lista ta’ toroq li ser isiru ġewwa l-Birgu fl-aħħar tliet xhur ta’ din is-sena (2022) u tul is-sena 2023? F’liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm ser idum sabiex jitlesta kull proġett? Jista’ jelenka liema toroq ser jingħata fihom wiċċ biss u liema ser issir rikostruzzjoni?

19/10/2022

***	3213.	L-ONOR. BERNICE BONELLO	staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru ġewwa l-Isla fl-aħħar tliet xhur ta' din is-sena (2022) u tul is-sena 2023? F'liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm ser idum sabiex jitlesta kull proġett? Jista' jelenka liema toroq ser jingħata fihom wiċċ biss u liema ser issir rikostruzzjoni?

19/10/2022

***	3214.	L-ONOR. BERNICE BONELLO	staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru f'Bormla fl-aħħar tliet xhur ta' din is-sena (2022) u tul is-sena 2023? F'liema xahar huwa pproġettat li jibdew? Kemm ser idum sabiex jitlesta kull proġett? Jista' jelenka liema toroq ser jingħata fihom wiċċ biss u liema ser issir rikostruzzjoni?

19/10/2022

***	3241.	L-ONOR. ALEX BORG	staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3058, jista' l-Ministru jikkonferma jekk hemmx pjan li titranġa Triq il-Gidi, fix-Xewkija, Għawdex peress li tinstab fi stat ħażin ħafna u taqa' taħt il-poteri tal-Ministeru għal Għawdex? Jekk hemm pjan, meta ser jibda?

20/10/2022

***	3245.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2918 u jgħid kemm-il reviżjoni parzjali tal-local plans saret mill-Awtorità tal-Ippjanar (jew mill-MEPA), mill-2013 sal-lum? Min talab għal dawn ir-reviżjonijiet, ċjoè jekk, f'kull każ, kinux individwi jew kumpaniji privati, jew inkella xi entità tal-Gvern eċċ. li talbu għal dawn ir-reviżjonijiet? Fejn jinsabu l-postijiet li saru r-reviżjonijiet fuqhom? X'kienu r-reviżjonijiet li fil-fatt seħħew? Kemm hemm talbiet għal reviżjoni li għadhom pendenti, u għal liema lokalitajiet?

20/10/2022

***	3258.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid kemm-il applikazzjonijiet għall-bozoz ġodda daħlu għand l-Enemalta matul din is-sena għal kull lokalità tas-7 u tat-12-il distrett, separatament għal kull lokalità? Kemm minn dawn it-talbiet ġew approvati, u kemm le? Fejn ma ġewx approvati x'kienet ir-raġuni għal dan?

20/10/2022

***	3271.	L-ONOR. CHRIS AGIUS	staqsa lill-**
Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli

Jista' l-Ministru jgħid jekk residenti li joqogħdu fil-HE ta' Verdala kif ukoll fis-St. Nicholas Married Quarters Bormla jistgħux jixtru u jsiru sidien ta' djarhom?

20/10/2022

***	3272.	L-ONOR. ALEX BORG	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex wasal il-proġett tal-Health Centre ġdid fir-Rabat, Għawdex? Meta hu ppjanat li jinfetaħ uffiċjalment għall-pubbliku?

20/10/2022

***	3274.	L-ONOR. ALEX BORG	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jikkonferma li l-istudji li qegħdin isiru humiex rigward estensjoni ta' sular ieħor fuq il-binja fejn illum hemm Transport Malta u d-Dwana ġewwa x-Xatt, jew minflok il-latrina li hemm biswit din il-binja? Jista' l-Ministru jikkonferma li l-ħsieb ta' binja ġol-parkeġġ li hemm fil-Marina falla? Jista' jgħid kemm jaħseb li ser idumu dawn l-istudji biex dawn is-suldati ma jibqgħux allokati f'binja taħt l-art?

20/10/2022

***	3280.	L-ONOR. ALEX BORG	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jikkonferma meta hu ppjanat li jiġi inawgurat it-tielet Regional Hub ġewwa Għawdex, bħala parti mill-Pjan Strateġiku - 'Goal 3' tal-Malta FA?

20/10/2022

***	3286.	L-ONOR. CARMELO ABELA	staqsa lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jindika dawk id-Djar Residenzjali privati li għandhom sistema fejn ir-residenti tagħhom ikunu jistgħu jressqu l-ilmenti jew suġġerimenti tagħhom?

20/10/2022

***	3287.	L-ONOR. CARMELO ABELA	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 2713 li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u jgħid xi kwalifiċi għandhom il-kaptana minn pajjiżi terzi li jiġu imbarkati biex jaħdmu fuq bastimenti tas-sajd, sabiex ikunu jistgħu jbaħħru f'ibħra internazzjonali? Kemm ingħataw permessi mill-bidu ta' din is-sena, xahar b'xahar? Mil-liema pajjiżi ġejjin dawn il-persuni?

20/10/2022

***	3288.	L-ONOR. CARMELO ABELA	staqsa lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 2711 u jgħid minn min huwa kompost il-Bord tas-Sajd u jagħti d-dettalji relattivi għal kull membru li ġie maħtur?

20/10/2022

***　3289.　L-ONOR. CARMELO ABELA　staqsa lill-**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2708 u ċjoè: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 1180, jista' l-Ministru jagħti l-ħinijiet li ħarġu l-bastimenti tas-sajjieda u xħin daħlu u kemm għamlu ħin fuq il-baħar biex inqabad dan il-ħut?  F'kemm żmien u ħin inqabdet il-bycatch kollha u x'temp kien dakinhar li nqabdet? Jista' jagħti wkoll iż-żona permezz tal-GPRS jew il-VMS, li l-bastimenti huma obbligati li jkollhom u li jkunu mixgħulin, speċifikament għas-sajd tat-tonn?

20/10/2022

***　3290.　L-ONOR. ALEX BORG　staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonferma jekk l-apparat li hemm fl-isleep lab ġewwa l-Isptar Mater Dei hux qed jiffunzjona?

21/10/2022

***　3293.　L-ONOR. ALEX BORG　staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jikkonferma liema integrated project f'Għawdex se jiġi ffinanzjat mill-European Regional Development Fund (ERDF)?

21/10/2022

## MOZZJONIJIET

**79. IL-MINISTRU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL, L-ONOR. MICHAEL FALZON, jipproponi:**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2022 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali".

19.10.2022

**80. IL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, L-ONOR. JONATHAN ATTARD, jipproponi:**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2022 li jemenda l-Kodiċi Ċivili".

19.10.2022

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

1. Abbozz Nru 6 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji – Tielet Qari – Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

2. Abbozz Nru 11 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ – Tieni Qari (Kont.) – Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

3. Abbozz Nru 12 – Abbozz ta' Liġi ta' Qabel l-Insolvenza – Tieni Qari – Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

4. Abbozz Nru 13 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza – Tieni Qari – Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

5. Abbozz Nru 15 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba' (Kont.) – Tieni Qari – Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

6. Abbozz Nru 2 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali – Tieni Qari – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi, u l-Ugwaljanza

7. Abbozz Nru 3 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja – Tieni Qari – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi, u l-Ugwaljanza

8. Abbozz Nru 14 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali – Tieni Qari – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

9. Abbozz Nru 16 – Abbozz ta' liġi li jemenda l-Att kontra *Money Laundering* – Tieni Qari – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

10. Abbozz Nru 17 – Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

11. Abbozz Nru 18 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

12. Abbozz Nru 19 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

13. Abbozz Nru 20 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

14. Abbozz Nru 21 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali – Tieni Qari – Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

15. Abbozz Nru 23 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku – Tieni Qari – Ministru għall Intern, is Sigurtà, ir Riformi, u l Ugwaljanza

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**24 ta' Ottubru 2022**

## KUMITATI TAL-KAMRA

### LAQGĦA KONĠUNTA
### KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET TAL-FAMILJA
### U
### KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja se jiltaqgħu nhar l-**Erbgħa, 26 ta' Ottubru 2022 fl-4.30 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament, il-Belt Valletta, b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Preżentazzjoni mill-Professur Andrew Azzopardi dwar studju fuq is-solitudni maħruġ mill-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà; u
3. Affarijiet Oħra.

### KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-PETIZZJONIJIET

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet, javża li l-Kumitat se jiltaqa' nhar l-**Erbgħa, 26 ta' Ottubru 2022 fil-4.45 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Petizzjoni Nru 1 – Avviż Legali biex jiċċara l-istatus legali tal-Cannabidiol (CBD) msemmi fl-Att LXVI tal-2021;
2. Petizzjoni Nru 2 – Dar tal-Anzjani fil-Belt Valletta (Petizzjoni Uffiċjali);
3. Petizzjoni Nru 3 – Evans Building – Multi Functional Clinic u Childcare Centre;
4. Petizzjoni Nru 4 – Inġustizzja ma' pazjenti psikjatriċi
5. Petizzjoni Nru 5 – Reviżjoni tat-termini għal Dog Friendly Beaches
6. Petizzjoni Nru 6 – Reviżjoni tal-25% absence allowance taħt l-Iskema ta' Childcare b'xejn;
7. Petizzjoni Nru 7 – Tneħħija tal-Bandiera Russa li hemm fiċ-Ċentru tal-Belt Valletta; u
8. Petizzjoni MP-1 mressqa mill-Onor. Ryan Callus rigward Uffiċjali tad-Dwana li soffrew inġustizzja.

### KUMITAT GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI

Il-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi se jiltaqa' nhar l-**Erbgħa 26 ta' Ottubru 2022 fl-4.30 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Abbozz Nru 1 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi, u l-Ugwaljanza; u
3. Abbozz Nru 8 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar l-Esplożivi u l-liġijiet varji dwar il-Protezzjoni Ċivili - Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi, u l-Ugwaljanza.

Abbozz Nru 7 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa – Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa
Abbozz Nru 10 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd – Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

### KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi se jiltaqa' nhar l-**Erbgħa, 2 ta' Novembru 2022 fis-2.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Kontinwazzjoni tal-eżami tar-Rapport tal-Awditur Ġenerali *An Investigation of Matters Relating to the Contracts awarded to ElectroGas Malta Ltd by Enemalta Corporation*.

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA**

Il-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika se jiltaqa' nhar l**-Erbgħa, 9 ta' Novembru 2022 fis-2.30 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament, il-Belt Valletta, b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika (Każ K/041) (Kont.); u
3. Xogħol ieħor

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**24 ta' Ottubru 2022**